

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**(Il-Każ M.7459 — Becton Dickinson and Company/CareFusion)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2015/C 55/09)

1. Fis-6 ta' Frar 2015, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹) li permezz tagħha l-impriża Becton Dickinson and Company ("Becton Dickinson") takkwista fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll tal-impriża CareFusion Corporation kollha kemm hi ("CareFusion") it-tnej fl-Istati Uniti, permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-aktivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Għal Becton Dickinson: attivitajiet fl-industria tal-kura tas-sahħha, b'mod partikolari l-iżvilupp, il-manifattura u l-bejgħ ta' apparati mediċi, sistemi ta' strumenti u reaġenti. Hija ffokata fuq prodotti mediciinati maħsuba biex itejbu t-twassil tal-mediciini, u biex issahħħah il-kwalità u l-ħeffa ta' dijanjosi ta' mard infettiv u l-kanċer, kif ukoll fuq ir-riċerka, l-iskoperta u l-produzzjoni ta' mediciini u vaċċini ġodda,
- Għal CareFusion: attivitajiet fl-industria tal-kura tas-sahħha, b'mod partikolari l-provvista ta' diversi prodotti u servizzi lil sptarijiet bħal pompi u settijiet ta' infużjoni fil-vina, l-għoti u sistemi awtomatizzati ta' identifikazzjoni tal-pazjent, il-ventilazzjoni u prodotti tan-nifs, strumenti kirurġiċi, eċċ.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex iressqluha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (+32 22964301), bl-e-Mail lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, bin-numru ta' referenza M.7459 — Becton Dickinson and Company/CareFusion, f' dan l-indirizz:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).